# IL-FJUR TIEGĦI

*Ta'* RICCARDA BORG FERNANDEZ

F'rokna mwarrba tal-ġnien tiegħi
Dal-għodu fetaħli fjur.
Nibet waħdu, f'rokna mwarrba,
Il-fjur jismu tad-Dulur!

Kemm iniggeż ix-xewk tiegħu!
Żgur bid-demm jaħsel idejh,
Min jiftillu dal-fjur jaqta'.
Għalhekk ħadd ma jersaq lejh.

Il-fwieħa tiegħu kemm togħġobni!
Spiss inżuru bħal ħabib!
Hu jagħtini qawwa ġdida:
Biex niflaħ narfa' s-salib!

Jekk xewqat ta' ħbieb imbiegħda,
Jaqsmu qalbi bid-dulur,
Ninżel niġri fil-ġnien tiegħi,
Parir nieħu minn dal-fjur!

Sabiex nimxi hu jħajjarni,
Fit-triq tajba tal-virtù!
U biex naqtgħu spiss jitlobni,
U npoġġih f'riġlejn Ġesù!

O Ġesù, Sultan ta' qalbi,
Ħu dal-fjur tad-dmugħ u s-sabar!
Xi ħabib, forsi jpoġġili,
Wieħed bħalu fuq il-qabar!